TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 217/17-F

**Mary Grace Micallef**

**vs**

**Custo General Sales Limited**

Illum 23 ta' Mejju, 2018

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-30 ta' Novembru, 2017 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' elf u ħames mitt ewro (€1,500), rappreżentanti prezz ta' madum li wara li xtrat il-madum tal-kamra tal-banju, riedet iktar madum u l-madum li ġab ma kienx qed jaqbel.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet xtrat madum għall-kamra tal-banju u dan il-madum waħħlitu pero' kien għad baqala xi ftit iktar madum u meta reġgħet ordnat il-madum ma ġiex jaqbel.

L-intimat issottometta illi kull ma kellha bżonn kien xi ħames madumiet u li l-varjazzjoni kienet minima ħafna.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi meta r-rikorrenti ordnat ix-xogħol issuppliha bl-ammont li talbet, għalkemm fil-fatt għat-Tribunal m'hemmx obligu li jżomm iktar madumiet. Għalkemm prova jaqdiha u anke prova jordna xi xogħol u kien hemm xi varjazzjoni, dan ma qabilx u qed jirriżulta li kull ma hemm bejn ħames u sitt madumiet li għandha bżonn.

It-Tribunal, iħoss li t-talba tar-rikorrenti hija esaġerata, stante li l-madum meta ordnatu kien taha madum tajjeb u li jaqbel pero' ħlief għal dawn is-sitt madumiet.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti in parte, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas l-ammont ta' mitt ewro (€100), u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn iż-żewġ partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**